# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

"Fejn tiġbed il-qalb, jimxu r-riġlejn", jgħid il-qawl Mâlti; u hekk hu.

Kont ili nistenna l-waqt li nkun nista' naqta' xewqti u nżûr dawk l-artijiet imqaddsa li fuqhom kont naqra u nħabbel râsi għal snin sħâħ. Kemm iddûm taqra, u tarġa taqra fuq dik il-belt, dak ir-raħal, dak ix-xagħri, u dawk in-nies? Fl-aħħar tibda tinbet u titrawwem fik ix-xewqa li tarâhom, titgħaxxaq bihom u tħoss l-arja tagħhom; tixtieq tara lil nieshom, id-drawwiet tagħhom, issir ħâġa waħda magħhom!

Fl-aħħar wasal il-waqt, fl-1956. Id-Direttûr tal-Istitût Bibliku Pontifiċju ta' Ġerusalem — li hu fergħa ta' dâk ta' Ruma — kull sena jaħseb biex idawwar ġemgħa mdaqqsa ta' studenti mal-Artijiet Imqaddsa ew-lenija. In-nefqa ftit għolja, imma m'hux ta' min jitlifha. Jista' jkun li oħrajn isîbu irħas jew aktar kumditâ, ngħidu aħna xi Pellegrinaġġ, imma dawn ma jkunûx jgħoddu għal min jixtieq jitgħallem xi ħâġa sewwa ta' Arkeoloġija, Storja, drawwiet u ħwejjeġ oħra ta' din ix-xorta, bħal ma xtaqt jien. Għal hekk qtajtha li nitlaq, jiġri x'jiġri. Jekk inħalli għal xi darba oħra, għandu mnejn ma nkunx nista' niċċaqlaq.

Ktibt lid-Direttur tal-Istitût, u wara ftit tal-jiem waslitli tweġiba li kollox sewwa; bdejt inħejji ruħi, xahrejn sħâħ ġiri bla serħân ta' xejn. Tilqim kontra tilqim; viżi u passaporti; bagalji u ħwejjeġ apposta, fosthom suttâna bajda, u x'naf jien.

Is-safra kienet kbira ġmielha; kellna mmorru l-Eġittu, is-Sinaj, il-Lebanôn, is-Sirja, il-Ġurdanja, Israel, u l-Greċja. Kont taħbat taqta' qalbek taqra l-programm; imma billi kollox kien imqassam tajjeb u mmexxi minn nies li jafu l-postijiet fuq ponot subgħajhom, ma tħabbelx rasek. Kellna nitilqu minn Napli fl-24 ta' Ġunju, 1956, fis-sagħtejn ta' wara nofs inhar, mal-vapur *Enotria*, għal Lixandra. U aħna u ġejjin lura, mbagħad il-vapur *Messapia*, fil-11 t'Awissu kellu jniżżilna Bari. F'dan iż-żmien rajna ħafna ħwejjeġ sbieħ li jgħinûna wisq biex nifhmu u nħossu l-qawwa tal-Kelma t'Alla miktuba.

*L-Eġittu* — Wara xi tlett ijiem baħar bla taħbît ta' xejn, nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Ġunju, fil-għôdu, sbaħna quddiem il-Port ta' Lixandra. Kienu għal ħabta tat-8 ta' filgħodu meta sibna ruħna fuq ix-xatt ta' din il-belt, kbira għanja, ħajja. Belt imwaqqfa minn dak l-għâġeb ta' bniedem li kien Alessandru l-Kbir. Hawn għexu Tolomew, Ċesri, Kleopâtra, Antonius. Għalina Lixandra hija l-belt fejn għall-ewwel darba l-Bibbja kienet maqlûba fi lsien barrâni; il-Grieg. Din it-traduzjôni baqgħet magħrufa bħala t-traduzjôni tas-Sebgħin, għaliex skond il-għidût Lhûdi, kienet magħmula minn 72 għaref tal-Lhud, li għal kemm ma kellhomx x'jaqsmu ma' xulxîn waqt ix-xogħol, fl-aħħar sabu li nqdew bl-istess kliem u stîl. Hawn Lixandra, kien hawn ħafna Lhud fil-qedem; dawn tilfu l-ilsien tagħhom, il-Lhûdi, u ħtieġu Bibbja bil-Grieg,

biex jistgħu jaqrawha. Kienet Provvidenza, għaliex snin wara, meta l-Appostli ħarġu jippredkaw, inqdew b'din it-traduzjôni Griega, fost il-Lhûd imxerrda mal-Imperu Rumân u l-Pagâni li kien sâru Nsara. Hawn kien hawn ukoll jgħix il-Filosfu Lhudi Filon, li pprova jgħaqqad il-għerf tal-Griegi mal-għerf Lhûdi. Il-Fidi ta' Kristu daħlet bikri f'din il-belt tal-kummerċ u tal-għerf. San Mark kien l-ewwel Isqof tagħha. Hawn kien hawn ukoll Librerija kbîra u għanja, tat-Tolomej. M'hux ta' b'xejn li f'Lixandra trawwmet l-iskôla katekêtka Nisranija, li tagħtna lil San Klement ta' Lixandra u lil Oriġêne, il-ġenju kbîr li ħalla m'hux anqas minn 800 volum bil-kitba tiegħu.

Inżilna l-art u morna nżûru l-Museum u l-fdalijiet militâri Rumâni. F'dan il-Museum tidher tinfetaħ quddiemek l-istorja ta' din il-belt, li dik il-ħabta kienet is-Sultâna tal-kummerċ fil-baħar Mediterrân. Malta hija marbuta ma' Lixandra mħabba l-linji tal-iġfna Rumâni fil-qedem. San Pawl tfarrak fuq Malta fuq ġifen Lixandrin; u fuq ġifen Lixandrin ieħor li kien hawn Malta għax-xitwa, telaq minn hawn lejn Rûma; u l-lum hemm, jew kien hemm ħafna Maltin. Fil-Kattidrâl ta' santa Katarîna ta' Lixandra, hemm kunfissunarju miktub fuqu li l-Maltin jistgħu jqerru fih bil-Malti.

F'nofs inhâr ħallejna Lixandra, il-belt tal-ġnus tal-kummerċ, tal-għerf u tal-faqar... u tlaqna lejn il-Kajr, fil-qalba tal-Eġittu.

*Il-Kajr* — Wasalna l-Kajr f'xi l-4.30 ta' wara nofs inhar. X'târa fuq il-ferrovijiet Eġizzjani ma ngħiduħx. Taħlît ta' nies, fqâr u għonja, morda u qawwijin, kbâr u żgħâr, kull ħadd ħallâta-ballâta. Għajjât bil-Koka-Kola, fi żquq kollha dubbien. Kull ħadd jgħid tiegħu, u m'hux darba u tnejn jiġu, jew ikunu sa jiġu fl-idejn. Iħallulek impressjoni ta' għażż u traskurâġni, ta' nies bla kont. Ħdejn dawn imbagħad tara s-sinjuri, li għandhom ir-riedni f'idejhom.

Wara li morna nistrieħu ftit fil-Kulleġġ tal-Ġeżwiti tas-Sagra Familja, fejn kellna noqogħdu sa kemm indumu l-Kajr, tlaqna bil-karozzi għal Pirâmda l-kbîra, fejn hemm l-Isfinġa, l-istatwa misterjuża li ħawwdet l-imħuħ tan-nies il-kbâr tal-qedem, minn Ċesri sa Napuljûn; l-istudjużi tal-lum, għadhom ma jistgħux jgħîdu sewwa x'inhi, għal kemm l-ideja li kienet xi ħâġa reliġjûża aktar ma jmûr tissaħħaħ. Kif wasalna, il-Għarab resqu lejna bl-iġmla, biex jagħtuna rikba. Ma kienx ta' min jitlifha,



*L-Eġittu — Il-Piramda l-Kbira, u ħdejha l-Isfinġa, li żarhom Dun Karm Sant, kif fisser f'dil-kitba.*

imma ma kienx hemm żmien wisq, u l-kobor tal-Pirâmda, il-misteru tal-Isfinġa, u l-ewwel dehra ta' xfâr id-deżert li jibqa' sejjer lejn is-Sahara, ma jħallulekx wisq żmien taħseb fl-iġmla. Min ma râx id-deżert, ma jistâx jifhem xi jfisser. Qatt rajtu

l-baħar bla tarf, ftit u xejn imċaqlaq, iriegħi ħafîf-ħafîf, sax-xefaq? Hekk id-deżert; mewġa wara mewġa ta' ramel, jagħti fir-roża; il-bogħod-il-bogħod xi roqgħa siġar tal-palm, 'l hawn u 'l hemm. Bla mogħdijiet; bla ilma; bla dell. Xemx, xemx, u xemx. Il-Għarab ma jaqtgħux qalbhom; igħaddu jiem u jiem sħâħ jimxu fuq dan ir-ramel jikwi, imgeżwra fi lbies abjad biex jilqagħlhom ix-xemx u r-ramel, u jsaħħanhom fil-ksieħ ixoqq il-għadam ta' bil-lejl.

Dħalna fil-Pirâmda l-Kbîra li fiha żewġ miljuni (2,000,000) blokki tal-ġebel granît, x'uħud minnhom jiżnu tunnellati sħâħ. Fil-qalba ta' din il-Pirâmda hemm kamra, jew aħjar, żewġ kmâmar fuq xulxîn fejn kien hemm midfuna, jew imqegħda, il-mummji tal-Fargħûn u s-Sultâna tiegħu. Tidħol għalihom dawn il-kmâmar minn passaġġ moħbi u ssib ruħek f'kamra mudlâma, ħitanha kollha mibnija minn blokki kbâr tal-granît, maqtugħa apposta. Dlâm taqtgħu b'sikkîna. Hawn kienu mqegħda l-katâvri bbalsmâti skond id-drawwa tal-Eġizzjâni. Magħhom kienu jqêgħdu kull ma kien jeħtieġ il-Fargħûn fid-dinja l-oħra, fejn kellu jgħaddi ħajja tixbaħ ħafna lil din ta' hawn; tronijiet, imwejjed, tazez, platti, xettri, u għamajjar oħra bla għadd. Kollox tad-deheb u tal-fidda, u ħaġar prezzjuż. Il-lum ma tara xejn minn dan, għax il-ħallelîn tal-qedem, bi nkejja tal-mogħdijiet moħbija u maqfûla, xorta waħda sabu t-triq, u daħlu u serqu kull ma sâbu. Min sa jħalli dawk it-teżôri kollha moħbija u mirdûma taħt dawk it-tunnellâti bla qjies tal-Pirâmda, li ma kenitx ħâġa oħra għajr il-qabar tal-Fargħûn? X'jiswa billi l-Fargħûn ħela ħajtu, ġidu u żmienu; li għâsar lil min jaf kemm eluf ta' ħaddiema, jew aħjar ilsiera, biex italla' l-post fejn kellu jgħaddi żmienu wara l-mewt? Jekk qatt kien hawn pôplu li ħajtu kienet kollha kemm hi taħt id-dell tal-mewt, kienu l-Eġizzjâni. U kienu jagħmlu minn kollox biex ixejjnu l-qawwa tal-mewt. M'hux biss il-Fargħûn, iżda wkoll in-nobbli, il-bqija, kollha kemm kienu, kbâr u żgħâr, għonja u foqra, kienu jaraw x'jivventaw biex jisguraw ruħhom li wara mewthom xi ħâġa jibqa' minnhom. Saħansitra kienu jidfnu mal-mummja l-Ktieb tal-Imwiet, li kien daqsxejn ta' Gwîda għad-dinja l-oħra. Iżda kollu għal xejn; il-mewt baqgħet, għadha, u tibqa'. Il-Fidi tagħna biss tagħtina tifsira tmîma tal-mewt: twelîd ġdîd, għal ħajja ġdîda aktar sħîħa.

Kif ħriġna minn ġewwa l-Pirâmda, morna nżûru l-Isfinġa. L-Isfinġa hija animâl, maqtugħ minn blâta ħajja, tielgħa mill-art, ġewwa r-ramel, b'ġisem ta' ljun u râs ta' bniedem. Kbîra ħafna, iżda tintilef f'dak il-wisa' kollu, taħt l-għôli tal-Pirâmda. Ma' dwarha hemm xi sotterâni li dawwruhomlna l-Għarab li kien hemm. Ir-ramel minn żmien għall-ieħor, jiġi mar-rîħ min-naħa tas-Sahara, u m'hux ħlief jordom ma' dwar l-Isfinġa u jridu joqogħdu miegħu biex ma jordomx kollox għal dejjem.

Kien hemm Għarbi li ħajjar lil uħûd minna biex itellagħna fuq il-quċċâta tal-Pirâmda. Kien fiha biċċa xogħol jiebsa! Ħarisna 'l fuq. Kemm il-saff ta' ġebel kien hemm? Min jista' jgħid! Trid tliet kwarti qawwija biex tasal fil-quċċâta! Kull saff ġebel fiħ xi żewġ piedi jew aktar għôli. Trid ikollok riġlejn twâl, nifs qawwi, dgħîf sħiħ u râs jiebsa. Il-Għarbi ġiebha żewġ. Inġbarna xi

għaxra u rħejnielha għal warajh. Ridna nilħqu miegħu, imma x'tilħaq! Minn saff għal saff jaqbeż donnu għafrîd, b'għajnejh magħlûqa. Kull tlieta jew erba' saffi araħ jinżel kokka fl-art, jistenniena. Wara xi tliet kwarti irnexxielna naslu fuq il-quċċâta fejn hemm daqsxejn ta' wesgħa ċatta. Il-koll bqajna miblugħîn biddehra li nfirxet quddiemna. In-naħa tal-Punent, ix-xâgħri bla tarf: mewġ fuq mewġ, ta' ramel jagħti fl-aħmar; fix-xefaq tat-Tramuntâna, il-baħar Mediterrân; lejn Nofs-inhâr, xi siġar,



*L-Eġittu—Dehra tal-Kajr, l-akbar belt ta' l-Eġittu.*

fil-bogħod il-bogħod, ma tûl in-Nil, ix-xmara li taħji lill-Eġittu b'ilmijietha bla tarf. Fuq il-Lvant il-firxa bla qjies tal-Kajr, belt sabîħa, kbîra, ħajja, fejn hemm il-fqîr u l-għani ħdejn xulxin; il-wieħed isofri, u l-ieħor jistâgħna minn fuqu. Ogħla millpalazzi u d-djar, kienu jsaltnu l-koppli kbâr u wesgħin tal-Moskijjiet, jew knejjes, tal-Misilmîn, u l-minarêti tagħhom, minn fejn l-imwedden isejħilhom tliet darbiet biex isellu l-Allâħ.

Inżûl ix-xemx minn hemm fuq kien xi ħaġa tal-għâġeb. Aħmar dagħmi, mħallat bir-ramel taxxâgħri. Fl-aħħar inżilna minn hemm u sibna lil sħâbna jistennewna. Minn hemm fuq konna qegħdin narawhom donnhom ħafna nemel jiġri fuq irramel! Newwilna l-baqxîx f'idejn il-Għârbi u rħejnielha lejn il-Kajr, biex ngħaddu l-lejl fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, li laqgħuna bil-qalb kollha.

Dun Karm Sant
*(Jorbot mal-ħarġa li ġejja).*

---

✝

B'sogħba u ħasra nħabbru l-mewt tas-Sur **MANWEL SANT**, filgħomor ta' 74 sena, li ġrat f'Ħal-Tarxien, fil-jum għażiż tal-Ġimgħa l-Kbira.

Għad li hemm wisq x'wieħed jittama li r-ruħ tiegħu qegħda minn issa fis-sema tithenna bid-dehra tal-Mulej, billi kien raġel mill-aħjar, u tagħa 'l Alla żewġ ħaddiema beżlin fil-qasam tiegħu, jiġifieri ż-żewġ uliedu qassisin, Dun Karm, (li l-kitba tiegħu żejjnet kemm il-darba dana l-Qari), u Dun Ġwann, b'danakollu nixtieqù li l-qarreja tagħna jibqgħu jitolbu għal mistrieħ ta' ruħu.

Nagħtu s-sabar u l-għomor lill-armla tiegħu, is-sinjura Madalen, u lit-tliet uliedu, iż-żewġ qassisin li semmejna u lis-sur Ġużeppi u lil martu s-sinjura Marija u lit-tliet uliedhom, neputijiet tas-sur Manwel.

R.I.P.